**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 4**

**L-Erbgħa 18 ta' Settembru 2024**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier |

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

**04.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**04.01.01** Is-Sur Keith Bartolo u s-Sur Anton Gatt bagħatu email lis-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell fejn infurmawha li minħabba raġunijiet ta' xogħol huma ma setgħux jattendu din il-laqgħa. Din l-apoloġija ntlaqat mill-Kunsilliera preżenti.

**04.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 3)**

**04.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 3.

**04.02.02** Fuq proponiment tal-Kunsillier Frederick Aquilina u sekondat mill-Kunsillier Andrew Cassar, il-minuti ta' seduta 03 ġew approvati unanimament.

**04.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**04.03.01** *aluminium latrina :* Is-Sindku John Schembri semma li nġibu 2 kwotazzjonijiet sabiex isiru t-tiswijiet neċessarji fit-twieqi tal-aluminium tal-bandli li hemm f'Misraħ iż-Żgħażagħ. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A. Il-Kunsilliera preżenti qabli ma' din il-kwotazzjoni allura x-xogħlijiet meħtieġa se jsiru minnufih sabiex ikunu evitati xi inċidenti gravi. Il-Kunsillier Frederick Aquilina talab sabiex isiru aktar spot checks fil-latrini.

**04.03.02** *gutter Triq Dun Pawl, rampa Triq San Pawl, manhole Triq il Parroċċa:* Is-Sindku semma li nġabet kwotazzjoni waħda sabiex isiru l-imsemmija xogħlijiet mill-aktar fis possibbli. Il-Kunsilliera preżenti qabli ma' din il-kwotazzjoni allura x-xogħlijiet meħtieġa se jsiru b'urġenza.

**04.03.03** *van tal-Kunsill:* Is-Sindku John Schembri semma' kif diversi nies avviċinawh sabiex il-vann tal-Kunsill issirlu staffa oħra sabiex ikun aktar aċċessibbli speċjalment għall-anzjani. Il-Kunsilliera kollha qablu li għandhom jinġabru 3 kwotazzjonijit sabiex issir din l-istaffa.

**04.04 Komunikazzjoni mis-Sindku – Aġġornament dwar Pasta Night**

**04.04.01** Is-Sindku John Schembri rringrazzja lil dawk kollha li taw sehemhom sabiex il-Pasta Night kienet suċċess. Is-Sindku John Schembri qal li meta tqis li din hija l-ewwel darba li kienet organizzata Pasta Night f'Ħal Farruġ huwa kien sodisfatt. Is-Sindku John Schembri qal li darb'oħra żewġ ħaddiema tal-Kunsill ikunu preżenti sabiex jagħtu daqqa t'id waqt din l-attivita`. Is-Sindku John Schembri semma' li għas-sena d-dieħla ikun hemm preżentatur/a għal din l-attivita`.

**04.04.02** Il-Kunsillier Matthew Spiteri wera x-xewqa li jintbagħatu ittri ta' ringrazzjament lill-isponsors li għenu sabiex il-Pasta Night kienet waħda ta' suċċess. Il-Kunsillier Matthew Spiteri bagħat il-lista aġġornata tal-isponsors lis-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell, għaliex mhux kull sponsor li wegħdna l-għajnuna tahilna.

**04.04.03** II-Kunsillier Frederick Aquilina tkellem dwar hamper li ttella' b'raffle, li ngħata lill-Kunsill Lokali Ħal Luqa mill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali l-Ministru Owen Bonnici għal din l-attivita`. Il-Kunsillier Frederick Aquilina talab spjegazzjoni għaliex huwa ma kienx jaf b'dan id-dettall, u li kieku kien jingħata hamper

mill-Partit Nazzjonalista. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna spjega li dan il-hamper ingħata wara li l-Ministru sar jaf b'din il-Pasta Night minn xi residenti. Il-Kunsillier Jeffrey Schembri tenna li li l-flus li nġabru minn din ir-raffle, marru donazzjoni għall-Kappella f'Ħal Farruġ.

**04.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**04.05.01** Il-Kunsillier Frederick Aquilina talab aġġornament dwar diversi rapporti li għamel dwar bozoz maqtugħin speċjalment fi Triq il-Ġdida. Is-Sindku John Schembri spjega li l-bozoz se jkunu rranġati fiż-żmien li ġej għaliex is-supplier m'għandux disponibbli bozoz LED.

**04.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

**04.06.01** Xejn

**04.07 Korrispondenza**

**04.07.01** Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa rċieva komunikazzjoni mill-Malta Health Students Association (MHSA) hu talbu sabiex isiu free check ups fi ħdan il-Kunsill Lokali. Il-Kunsilliera kolha qablu b'mod unanimu li dawn ic-check ups isiru fil-berġa. Il-Kunsilliera qablu li ssir talba lill-Ministru għas-Saħħa sabiex tintuża din il-berġa.

**04.08 Aġġornament fuq it-Tenders**

**04.08.01** Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsilliera preżenti li t-tender ta' Triq ir-Russett se jintbagħatu l-ittri ta' min rebaħ it-tender u min ma rebaħx dan it-tender.

**04.09/04.10 Business Plan 2024 – 2029/Quarterly Reports (January – July 2024)**

**04.09.01** L-Accountant tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa Joseph Piscopo fisser li l-finanzi marru lura minħabba l-problema tal-iskart li sar jinġabar mir-Reġjun u t-tpping fees affettwaw il-finanzi tal-Kunsill Lokali. Is-Sur Joseph Piscopo spjega li r-rati tat-Tipping Fees għolew ħafna. Il-Kunsill Lokali rreġistra deficit ta' €28,668. Is-Sur Joseph Piscopo fisser ukoll li l-Audit tas-sena l-oħra ngħalaq ukoll.

**04.11 SPI/SCI/5/2024 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025**

**04.11.01** Is-Sindku John Schembri fisser li għal din l-iskema l-Kunsill Lokali diġa' għandu l-fondi għad-dawl u li fil-jiem li ġejjin se jiltaqa' mal-persuna inkarigata sabiex jaraw fejn se jintrama' d-dawl fit-toroq ta' Ħal Luqa u Ħal Farruġ. Is-Sindku John Schembri informa lis-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell, sabiex tgħaddi kopja tal-iskema flimkien mal-kwotazzjonijiet lill-Kunsillier Jeffrey Scicluna, responsabbli mill-attivitajiet.

## 04.12 Skeda ta' Pagamenti u Petty Cash

**04.12.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Jeffrey Scicluna u sekondat mill-Kunsillier Matthew Spiteri, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 04.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**04.13.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19.30 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 16 ta' Ottubru 2024, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa, 16 ta' Ottubru 2024.**

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |